

Paġna Ewlenija > ... > Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt > Wirt > Informazzjoni Għall-awtoritajiet Li Joħorġu >  
ĊES Czechia

## Informazzjoni għall-awtoritajiet li joħorġu ĊES

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)



### 1 It-tipi ta' reġistri li jeżistu fl-Istat Membru, li jinkludu informazzjoni rilevanti għas-suċċessjonijiet

- Ir-Regjistru tal-Kummerċ (*Obchodní rejstřík*)
- Id-Depożitarju Ċentrali tat-Titoli (*Centrální depozitář cenných papírů*)
- Ir-Regjistru tal-Insolvenzi (*Insolvenční rejstřík*)
- Ir-Regjistru tad-Dokumenti tas-Sistema li Tirregola l-Beni tal-Miżżewġin (*Seznam listin o manželském majetkovém režimu*)
- Ir-Regjistru tal-Vetturi tat-Triq (*Registr silničních vozidel*)
- Ir-Regjistru tal-Inġenji tal-Ajru (*Letecký rejstřík*)
- Ir-Regjistru Ċentrali tal-Armi (*Centrální registr zbraní*)
- Ir-Regjistru tal-Bastimenti u r-Regjistru tal-Bastimenti Żgħar (*Plavební rejstřík, rejstřík malých plavidel*)
- Ir-Regjistru tal-Artijiet (*Katastr nemovitostí*)

### 2 Informazzjoni li tinsab f'kull wieħed mir-reġistri tal-Istat Membru, kif elenkat taħt il-punt 1

#### Ir-Regjistru tal-Kummerċ

Ir-Regjistru tal-Kummerċ huwa ċentralizzat. Huwa rregolat bl-Att dwar ir-Reġistri Pubbliċi, ([disponibbli bl-Ingliż hawnhekk](#)). Ir-Regjistru tal-Kummerċ huwa miżmum f'format elettroniku. Is-[sit web](#) jipprovdi aċċess mill-bogħod u l-possibbiltà li tinkiseb kopja elettronika ċċertifikata b'mod uffċjali. Il-bażi tad-*data* online tippermetti wkoll tfittxijiet [fuq il-bażi tal-persuni fiżiċi involuti](#). Sabiex tfittex entità, huwa neċessarju li tkun taf isimha, in-numru ta' identifikazzjoni tagħha jew ir-referenza tal-fajl li biha tkun reġistrata taħt il-qorti tar-regjistru kompetenti, u, fil-każ ta' persuni fiżiċi, tal-anqas kunjomhom. L-informazzjoni kollha fir-regjistru hija biċ-Ċek biss. L-aċċess mill-bogħod u l-kopji elettroniċi ċċertifikati b'mod uffċjali huma mingħajr ħlas.

Fuq talba, il-qorti tar-regjistru toħroġ kopja stampata ċċertifikata b'mod uffċjali tal-entrata jew tad-dokumenti ddepożitati fir-regjistru tad-dokumenti. L-ammont mitlub għall-ħruġ tal-kopja ċċertifikata ma jistax ikun ogħla mill-ispejjeż amministrattivi li fil-fatt ikunu involuti sabiex tinħareġ.

Il-persuna msemmija f'entrata ma għandhiex id-dritt li teċċepixxi li l-entrata ma taqbilx mar-realtà fil-konfront ta' persuna li taġixxi legalment u *bona fide* abbażi tal-entrata (pubbliċità materjali).

Ir-Regjistru tal-Kummerċ jirreġistra l-persuni/l-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 42 tal-Att dwar ir-Reġistri Pubbliċi. Id-dettalji mdaħħlin fir-regjistru pubbliku huma stabbiliti fl-Artikolu 25 tal-Att. Id-dettalji addizzjonali rreġistrati fil-każ ta' korporazzjonijiet huma stabbiliti fl-Artikolu 48 tal-Att.

Id-Depożitarju Ċentrali tat-Titoli

Fir-Repubblika Ċeka, ir-rekords ta' strumenti finanzjarji ma humiex ċentralizzati.

Wieheċ mill-korpi li jipprovdi din l-informazzjoni huwa d-[Depożitarju Ċentrali tat-Titoli \(Centrální depozitář cenných papírů, a.s.\)](#).

Id-Depożitarju Ċentrali tat-Titoli ma jaqsamx rendikonti ma' ħadd ieħor għajr mad-detentur tal-kont. L-eċċezzjonijiet għar-regoli dwar il-protezzjoni ta' *data* personali huma stabbiliti fl-Artikolu 115 tal-[Att 256/2004](#), l-Att dwar in-Negozjar fis-Swieq Kapitali, li jippermetti li informazzjoni mir-rekords tinqasam, pereżempju, ma' nutara fil-kapaċità tagħhom bħala kummissarji ġudizzjarji fi kwistjonijiet relatati mas-suċċessjoni.

Id-Depożitarju Ċentrali tat-Titoli jaqsam informazzjoni wkoll ma' nutara jew ma' qradi barranin permezz tal-intermedjarju tal-qorti Ċeka kompetenti li tkun irċiviet talba mingħand il-qorti barranija għal informazzjoni dwar il-patrimonju tat-testatur.

Għal dan l-għan, trid tingħata prova tad-dritt ta' verifika tal-patrimonju tat-testatur speċifiku inkwistjoni. F'konformità mal-Artikolu 116(6) tal-Att dwar in-Negozjar fis-Swieq Kapitali, id-Depożitarju Ċentrali tat-Titoli għandu l-permess li jitlob ħlas sabiex ikopri l-ispejjeż amministrattivi mġarrbin.

Reġistru tal-Insolvenzi

[Ir-Reġistru tal-Insolvenzi](#) fih lista ta' operatori insolventi, lista ta' debitori u fajls ta' insolvenzi. Ir-Reġistru tal-Insolvenzi huwa aċċessibbli pubblikament. Kulħadd għandu d-dritt jikkonsultah u jikseb kopji u siltiet minnu. L-aċċess għar-Reġistru tal-Insolvenzi huwa mingħajr ħlas. L-informazzjoni kollha fih hija biċ-Ċek. Fuq talba, il-qorti tal-insolvenza toħroġ output iċċertifikat.

Id-*data* tiddaħħal fil-lista ta' debitori mill-qorti tal-insolvenza malli jseħħ kwalunkwe avveniment relatat mal-proċedimenti ta' insolvenza u mhux aktar tard minn 7 ijiem minn meta jseħħ l-avveniment. Malli jinħatar amministratur tal-insolvenza, il-qorti tal-insolvenza tirreġistra dan fil-lista ta' debitori. Fir-reġistru tal-insolvenzi, il-qorti tal-insolvenza tippubblika s-sottomissjonijiet kollha lir-rekords tal-qorti miżmumin mill-qorti tal-insolvenza fir-rigward tad-debitur, f'ordni kronoloġika, filwaqt li tiddikjara d-*data* tat-tidħil tad-deċiżjoni tal-qorti tal-insolvenza meħuda fil-proċedimenti ta' insolvenza jew f'tilwimiet inċidentali.

Reġistru tad-Dokumenti tas-Sistema li Tirregola l-Beni tal-Miżżewġin

[Il-liġi Ċeka ma fiha l-ebda regola speċifika relatata mal-proprjetà ta' sħab irreġistrati.](#)

Ir-Reġistru tad-Dokumenti tas-Sistema li Tirregola l-Beni tal-Miżżewġin jinżamm f'forma elettronika mill-Kamra tan-Nutara tar-Repubblika Ċeka (*Notářská komora ČR*) (<http://www.nkcr.cz/>). Ir-Reġistru huwa ċentralizzat u jippermetti l-konsultazzjoni pubblika ta' jekk koppja miżżewġa biddltx is-sistema li tirregola l-beni tagħha u qabltx li tagħmel din l-informazzjoni pubblika, jew jekk inħarġitx deċiżjoni tal-qorti dwar is-sistema li tirregola l-beni tal-miżżewġin.

Ir-Reġistru jista' jiġi kkonsultat b'mod elettroniku hawnhekk: <https://rejstrik.nkcr.cz/>, u l-kriterju tat-tiftix huwa d-*data* tat-twelid ta' xi ħadd mill-konjuġi. Jekk ir-Reġistru jinkludi *data* dwar dokument reġistrat, l-applikazzjoni tippermetti li ssir talba għall-ġenerazzjoni ta' kopja f'format PDF. Billi juża dan id-dokument ta' talba, il-klijent imbagħad ikun jista' jitlob lil kwalunkwe nutar (<https://www.nkcr.cz/seznam-notaru>) joħroġ kopja tad-dokument (jew tal-kontenut tiegħu) mir-Reġistru. It-talba tista' ssir b'mod elettroniku wkoll (pereżempju bil-posta elettronika). Il-kopja tad-dokument mir-Reġistru magħmula min-nutara hija kopja ta' dokument aċċessibbli pubblikament. L-informazzjoni hija pprovduta biċ-Ċek.

Il-konsultazzjoni tar-Reġistru u n-notifika ta' kopja ta' dokument huma soġġetti għat-tariffi stabbiliti fil-Kodiċi tan-Nutara (l-Att Nru 358/1992) u fl-Iskeda tat-Tariffi tan-Nutara (l-Att Nru 196/2001).

Ir-Reġistru tal-Vetturi tat-Triq

Ir-Reġistru tal-Vetturi tat-Triq huwa sistema ta' informazzjoni li ma hijiex aċċessibbli pubblikament ġestita mill-Ministeru tat-Trasport tar-Repubblika Ċeka. L-aċċess għar-reġistru jingħata lil municiplalitajiet b'kompetenza estiża. Fuq talba, jistgħu jaqsmu informazzjoni mir-Reġistru ma' persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jistgħu juru interess

ġuridiku. Is-sid jew l-operatur tal-vettura ma huwiex meħtieġ juri interess ġuridiku. L-awtoritajiet kompetenti jipprovdu wkoll lill-awtoritajiet pubbliċi bid-*data* mir-Reġistru li jeħtieġu sabiex iwettqu dmirijiethom. It-talbiet għal informazzjoni mir-Reġistru tal-Vetturi tat-Triq isiru billi tintuża l-formola stabbilita. Il-formola hija disponibbli fuq is-sit web tal-Ministeru tat-Trasport [HAWNHEKK](#). Il-kunsill lokali ta' muniċipalità b'kompetenza estiża jista' jipprovdi wkoll informazzjoni mir-Reġistru f'forma elettronika.

Il-Ministeru tat-Trasport ma jimmaniġġjax talbiet mingħand awtoritajiet barranin responsabbli għal proċedimenti ta' suċċessjoni għal informazzjoni dwar vetturi konnessi mal-persuna deċeduta. L-awtorità barranija jeħtiġilha tippreżenta din it-talba permezz ta' qorti Ċeka, li tivverifika jekk l-awtorità barranija li tkun qed tagħmel it-talba tkunx intitolata sabiex tingħata l-informazzjoni. Imbagħad, il-qorti tippreżenta talba għal informazzjoni mingħand ir-Reġistru lill-muniċipalità kompetenti b'kompetenza estiża għall-post ta' residenza tal-persuna kkonċernata.

#### Ir-Reġistru tal-Inġenji tal-Ajru

Ir-Reġistru tal-Inġenji tal-Ajru huwa reġistru aċċessibbli pubblikament ġestit ċentralment mill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili (<https://www.caa.cz/letadlova-technika/letecky-rejstrik/>). Kwalunkwe persuna tista' tikkonsulta r-Reġistru tal-Inġenji tal-Ajru u titlob kopja jew silta tal-informazzjoni li fih mingħand l-Awtorità. Ir-Reġistru tal-Inġenji tal-Ajru jista' jiġi kkonsultat hawnhekk: <https://lr.caa.cz/letecky-rejstrik>. Barra minn hekk, huwa possibbli li tintalab informazzjoni mir-Reġistru tal-Inġenji tal-Ajru mingħand l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili bil-posta jew b'mod elettroniku hawnhekk [podatelna@caa.cz](mailto:podatelna@caa.cz).

#### Ir-Reġistru Ċentrali tal-Armi

Ir-Reġistru Ċentrali tal-Armi huwa sistema ta' informazzjoni li ma hijiex aċċessibbli pubblikament ġestita mill-pulizija (<https://www.policie.cz/>). Fir-Repubblika Ċeka, persuni li jirresjedu fit-territorju tar-Repubblika Ċeka biss jistgħu jkunu sidien ta' armi. Meta jmut sid ta' arma, tintbagħat notifika mir-reġistru bażiku tal-popolazzjoni lir-Reġistru Ċentrali tal-Armi. Il-korp tal-pulizija kompetenti jipprovdi informazzjoni dwar is-sid deċedut u l-armi tiegħu lill-awtorità kompetenti li tmexxi l-proċedimenti ta' suċċessjoni. L-awtoritajiet barranin jeħtiġilhom jipprovdu prova li jkunu qegħdin imexxu l-proċedimenti ta' suċċessjoni għall-individwu inkwistjoni. It-talba għal informazzjoni tista' tintbagħat bil-posta jew b'mod elettroniku b'firma elettronika.

#### Ir-Reġistru tal-Bastimenti u r-Reġistru tal-Bastimenti Żgħar

Ir-Reġistru tal-Bastimenti huwa reġistru pubbliku, filwaqt li r-Reġistru tal-Bastimenti Żgħar huwa rekord mhux pubbliku ta' informazzjoni. Huma ġestiti mill-Amministrazzjoni Statali tan-Navigazzjoni (<http://www.plavebnurad.cz/>).

Huwa possibbli li jsir tiftix fir-Reġistru tal-Bastimenti billi jintuża n-numru ta' reġistrazzjoni (6 figuri) jew bin-Numru Uniku Ewropew ta' Identifikazzjoni tal-Bastiment, I-ENI, (8 figuri) hawnhekk: <https://plavebnurad.cz/dok-pl/plavebni-rejstrik>.

Fuq talba, l-Amministrazzjoni tan-Navigazzjoni tipprovdi lill-awtoritajiet pubbliċi bid-*data* mir-Reġistru tal-Bastimenti Żgħar li jeħtieġu sabiex iwettqu dmirijiethom. Taqşam *data* wkoll ma' persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jistgħu juru interess ġuridiku; is-sid jew l-operatur tal-bastiment ma huwiex meħtieġ juri interess ġuridiku.

Fuq talba, huwa possibbli li jsir tiftix fir-reġistru fuq il-bażi tad-dettalji tas-sid irreġistrati fir-reġistru, inklużi tal-anqas ismu u kunjomu, id-*data* tat-twelid tiegħu, jew il-post ta' residenza tiegħu. Informazzjoni dwar parametri tekniċi hija siewja wkoll. L-Amministrazzjoni tan-Navigazzjoni taċċetta talbiet bil-posta jew b'mod elettroniku b'firma elettronika.

#### Ir-Reġistru tal-Artijiet

Ir-Reġistru tal-Artijiet fih informazzjoni dwar proprjetà immobbli u min hu sidha. Id-dettalji ta' kuntatt tar-Reġistru jistgħu jinstabu hawnhekk [Indirizzi](#). Huma stabbiliti reġistri individwali tal-artijiet għal żoni ġeografiċi differenti, u sabiex jinstabu d-dettalji ta' kuntatt speċifiċi, l-ewwel huwa neċessarju li jintgħażel ir-reġun rilevanti tar-Repubblika Ċeka. Ir-Reġistru tal-Artijiet huwa konness madwar ir-Repubblika Ċeka u kull fergħa lokali għandha aċċess għar-Reġistru Ċentrali tal-Artijiet.

L-informazzjoni fir-Reġistru tal-Artijiet hija disponibbli pubblikament. Madankollu, l-aċċess mingħajr ħlas huwa limitat, u l-aċċess sħiħ huwa soġġett għal tariffa. Informazzjoni speċifika dwar x'*data* hija pprovduta u taħt liema

kundizzjonijiet tista' tinstab [hawnhekk](#). Id-Dipartiment tas-Servizz għall-Utenti tal-Amministrazzjoni Ċeka għall-Istħarriġ tal-Art u għar-Reġistru tal-Artijiet (*Český úřad zeměměřičtví a katastru*) jipprovdi aċċess sabiex jiġu kkonsultati d-drittijiet ta' sjieda u oħrajn relatati mal-proprjetà immobbli rreġistrati għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi fit-territorju kollu tar-Repubblika Ċeka għal applikanti li għandhom dritt legali sabiex jagħmlu użu minn dik l-informazzjoni mingħajr ħlas (id-dettalji ta' kuntatt [hawnhekk](#)).

Jistgħu jsiru [tfittxijiet online](#) għal irqajja', għal bini u għal unitajiet. Jistgħu jsiru tfittxijiet għal proċeduri wkoll.

Ir-Reġistru tal-Artijiet jistgħu jiġu kkuntattjati mill-awtoritajiet ta' Stati Membri oħrajn, iżda din ma hijiex prattika standard u, għalhekk, ma nissuġġerux li jsir hekk. Huwa aktar effettiv li tiġi kkuntattjata l-qorti kompetenti lokali.

L-informazzjoni hija pprovduta biċ-Ċek. Ir-Reġistru tal-Artijiet jipprovdi kopji ċċertifikati.

Id-dokumenti meħtieġa sabiex jiġu rreġistrati d-drittijiet fir-Reġistru tal-Artijiet huma stabbiliti fl-Artikolu 6 ff. tal-Att dwar ir-Reġistru tal-Artijiet Nru 256/2013.

Il-każijiet speċifiċi ta' rreġistrazzjoni tad-drittijiet fuq il-bażi ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni huma rregolati mill-Artikolu 69(6) tad-Digriet [dwar ir-reġistru tal-artijiet](#) 357/2013.

Id-drittijiet huma stabbiliti, emendati jew estiżi fuq il-bażi ta' entrata fir-Reġistru tal-Artijiet.

### 3 Id-disponibbiltà ta' informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji

Sabiex titfittex informazzjoni dwar kont tal-bank, huwa neċessarju li jiġu identifikati l-banek li magħhom it-testatur kellu kontijiet (ma hemm l-ebda reġistru ċentrali), u li wara tintbagħat talba skont ir-Regolament (UE) 2020/1783 lill-qorti distrettwali jew lill-qorti distrettwali ta' Praga li tkun kompetenti għall-post fejn il-bank inkwistjoni jkollu l-uffiċċju ewlieni tiegħu. Kwalunkwe dokument ta' sostenn li jindika d-dettalji tal-proċedimenti kurrenti ta' suċċessjoni jkun ta' għajjnuna, iżda ma jkunx meħtieġ bilfors.

It-talba trid tinkludi tal-anqas l-isem, il-kunjom, u d-data tat-twelid tad-detentur tal-kont. Kwalunkwe informazzjoni addizzjonali tista' tiffaċilita t-tfittxija. L-informazzjoni pprovduta ma hijiex soġġetta għal xi tariffa.

### 4 Id-disponibbiltà ta' reġistru tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali

Fir-Repubblika Ċeka, reġistru tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali huwa ġestit mill-Uffiċċju tal-Kunfidenzjalità Industrijali - l-informazzjoni rilevanti kollha tista' tinstab [hawnhekk](#).

Id-dettalji ta' kuntatt:

Industrial Property Office (*Úřad průmyslového vlastnictví*)  
Antonína Čermáka 2a  
160 68 Prague 6 - Bubeneč

Tel/Faks: 220 383 111 / 224 324 718  
Posta elettronika: [posta@upv.gov.cz](mailto:posta@upv.gov.cz)

### 5 Reġistri oħra b'informazzjoni rilevanti għas-suċċessjonijiet

Ir-Reġistru Ċentrali tal-Eżekuzzjonijiet (*Centrální evidence exekucí*)

Ir-Reġistru Ċentrali tal-Eżekuzzjonijiet huwa reġistru pubbliku ġestit mill-Kamra Ċeka tal-Uffiċċjali Ġudizzjarji (*Exekutorská komora ČR*) (<https://www.ekcr.cz/>). Ir-Reġistru Ċentrali tal-Eżekuzzjonijiet huwa ċentralizzat u jipprovdi informazzjoni dwar proċedimenti speċifiċi ta' eżekuzzjoni, bħal jekk infethux proċedimenti ta' eżekuzzjoni skont il-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni fir-rigward ta' persuna speċifika.

L-informazzjoni fir-Reġistru Ċentrali tal-Eżekuzzjonijiet hija aċċessibbli pubblikament u tista' tiġi kkonsultata minn utenti rreġistrati u mhux rreġistrati fuq <https://www.ceecr.cz/>. Il-kriterju ta' tiftix huwa l-isem, il-kunjom u d-data tat-twelid jew in-numru tal-ID tal-persuna. It-talbiet jiġu aċċettati wkoll f'forma elettronika, dment li jkunu ġew iffirmati b'firma elettronika kwalifikata. Siltiet mir-Reġistru Ċentrali tal-Eżekuzzjonijiet jistgħu jinkisbu wkoll

personalment billi wieħed imur il-Kamra tal-Uffiċjali Ġudizzjarji fi Praga jew f'Brno, jew f'uffiċċju taċ-Česká pošta b' CzechPOINT. Mistoqsijiet dwar proċedimenti ta' eżekuzzjoni speċifiċi jridu jiġu indirizzati lil uffiċjali ġudizzjarji individwali fir-[reġistru tal-uffiċjali ġudizzjarji](#).

Fil-każ ta' persuni deċeduti, importanti li jiġi osservat li, fiż-żmien tat-talba, jista' jkun li l-proċedimenti ta' eżekuzzjoni jkunu ġew ittrasferiti lil persuna oħra (bħal werriet) jew ingħalqu. F'dan il-każ, skont il-leġiżlazzjoni kurrenti, ma jkunx possibbli li l-każ inkwistjoni jinstab fir-Reġistru Ċentrali tal-Eżekuzzjonijiet billi tintuża d-*data* personali tal-persuna deċeduta.

L-aċċessar tal-informazzjoni fir-Reġistru huwa soġġett għal tariffa stabbilita mid-Digriet Nru 329/2008 dwar ir-reġistru ċentrali tal-eżekuzzjonijiet.

## 6 Id-disponibbiltà ta' informazzjoni dwar testmenti sigrieti u testmenti mhux soġġetti għar-reġistrazzjoni

Testment jista' jinżamm bil-modi li ġejjin:

- Jekk testament jew trasferiment *causa mortis* ieħor ma jkunx fil-forma ta' att notarili, iżda jkun tfassal mit-testatur bħala strument privat, jista' jiġi ddepożitat ma' nutar sabiex jissalvagwardjah. Id-dokument oriġinali jibqa' għand in-nutar, li joħroġ rekord tad-depożitu, u mbagħad jirreġistrah fir-Reġistru tal-Atti Legali *Causa Mortis (Evidence právních jednání pro případ smrti)* ġestit mill-Kamra tan-Nutara tar-Repubblika Ċeka.
- Ma hemm l-ebda regola speċifiċa li tkopri każijiet li fihom id-dokument ma jiġix iddepożitat ma' nutar. L-aktar xenarji komuni huma depożitu kompletament informali ma' qraba, ma' werrieta, id-dar, ma' avukat jew f'bank.

Fi proċedimenti ta' suċċessjoni, kwalunkwe persuna fil-pussess ta' trasferiment *causa mortis* mill-persuna deċeduta jew ta' kwalunkwe dokument ieħor rilevanti għall-proċedimenti ta' suċċessjoni jeħtiġilha tipprovdi lill-qorti fuq talba. Nuqqas ta' konformità ma' din it-talba jista' jkun punibbli b'multa proċedurali.

Il-kontenut u l-istatus ta' dokumenti li ma kinux irreġistrati u li ġew ippubblikati biss matul il-proċedimenti jiġu vverifikati minn kummissarju tal-qorti. Nutar jivverifika l-kontenut tat-testmenti *ex officio*.

Verifika pubblika tal-kontenut u tal-istatus tad-dokument tikkonċerna biss dokumenti li jkunu ġew iddepożitati ma' nutar għas-salvagwardja u li ma ġew ifformulati bħala atti notarili. F'dan il-każ, il-kontenut u l-istatus tad-dokumenti jiġu vverifikati pubblikament, li jfisser li n-nutar, filwaqt li jaġixxi bħala kummissarju tal-qorti, jikkomunika d-*data* tal-qari lill-persuni li l-investigazzjoni inizjali tindika li jkunu l-werrieta.

Din il-proċedura ma tapplikax għal dokumenti fformulati bħala atti notarili, jew għal dokumenti li ma ġewx irreġistrati, bħal dokumenti li t-testatur żamm id-dar jew iddepożita ma' avukat jew ma' persuna oħra, bħall-werrieta jew l-eżekutori.

---

L-aħħar aġġornament: 14/11/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.